**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 17 ta' Jannar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Stephen Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Stephen Borg detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 155778M akkuzat talli f' xi hin fis-16 ta' Marzu, 2016;

1. Gewwa garaxx bla numru fi Triq il- Kbira, Mosta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom kaxxa tal- ghodda, rota ta ditta *Fat Boy*, karozza tal-loghob tal-*battery* tat-tfal ghad- dannu ta Liam Pace u/jew persuni ohra liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil mezz tal- 261(b) (c), 265, 267 279(a)Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

2. Fl- istess cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara u/jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq bieb ta garaxx liema hsara ma tiskorrix il- mitejn u hamsin ewro (€250) bi ksur tal- Art.325 (1)(c) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta Malta.

3. Gewwa garaxx bin- numru 22 fi Triq Walter L. Salomone, Mosta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom apparat tal- HiFi, kaxxi mimlija DVD's, gaga tal- ghasafar u xi oggetti ohra ghad- dannu ta Elton Zarb u Kenneth Cocks u/jew persuni ohra liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil mezz tal- 261(b) (c), 265, 267 279(a)Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

4. Fl istess cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara u/jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq bieb ta garaxx liema hsara ma tiskorrix il- mitejn u hamsin ewro (€250) bi ksur tal- Art.325 (1)(c) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta Malta.

5. Ukoll talli wara li kien ikkundannat f' Malta ghal serq jew ghal-ricettazzjoni, instab fil- pussess ta oggetti li kienux tal- kundizzjoni tieghu, minghajr ta' kont sodisfacenti ta kif kienu gew legittimament ghandu u wkoll talli nstabu ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu insabu ghadhu u dan ghat- tenut tal- Art 287 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta Malta.

6. Ukoll talli fl' istess data f' dawn il- gzejjer saq vettura bin- numru ta registrazzjoni AAP-348 tal- ghamla Volkswagen minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill- awtorita kompetenti bi ksur tal- Sez. 15(1)(a) tal-Kap 65 tal- Ligijiet ta Malta.

7. Kif ukoll talli fl istess data, f’ dawn il- gzejjer uza jew gieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur u cioe vettura bin- numru ta registrazzjoni AAP-348 tal- ghamla Volkswagen fit-toroq kemm-il darba, meta ma sehhitx polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni bi ksur tal- Art.3 (1) tal- Kapitolu 104 tal- Ligijiet ta Malta.

8. ikkommetta delitt ta’ natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar l-04 ta’ Marzu 2015;

9. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D fis-07 ta’ Lulju 2009 u dan taht depozitu ta’ € 3,000 u garanzija personali ta’ € 30,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

10. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fit-28 ta’ Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta’ € 10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

11. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D fl-14 ta’ Mejju 2014 u dan taht depozitu ta’ € 1,000 u garanzija personali ta’ € 9,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

12. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. fil-25 ta’ Settembru 2014 u dan taht depozitu ta’ € 1,000 u garanzija personali ta’ € 7,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

13. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr C. Peralta LL.D fit-22 ta' Lulju 2015 u dan taht garanzija personali ta' € 2,500 fost kundizzjonijiet ohra kif ordna li jaghmel mill-istess Qorti;

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Stephen Borg bhala recidivist ta' sentenzi moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 t' April, 2016 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw zewg serqiet li sehhu fis-16 ta' Marzu 2016 minn zewg garaxxijiet fi Triq il-Kbira, Mosta u fi Triq Walter L. Salomone, Mosta. Fis-16 ta' Marzu 2016 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu waqt li

PC450[1] u PC899 kienu fuq ronda bejn in-Naxxar u l-Mosta lemhu l-vettura Volkswagen AAP 348 li kienet irrappurtata li qed tinstaq minghajr licenzja u assigurazzjoni. Din il-vettura kienet qed tigi misjuqa mill-imputat u fil-vettura mieghu kien hemm certu Antonella Vella. Peress li l-imputat kien maghruf mal-pulizija u l-vettura kienet mimlija oggetti, PC450 u PC899 iddecidew li jsegwu l-vettura. Il-vettura nstabet ipparkjata bl-addocc, miftuha u bic-cavetta fl-ignition fit-triq fejn tghix omm l-imputat. Fiha nstabu kaxxi kbar tal-aluminium, kaxxi tad-dvd's, ghodda, scooter tat-tfal u oggetti ohra murija fir-ritratti esebiti SB1 sa SB15 tal-atti processwali. L-imputat ma setghax jinstab u l-vettura ittiehdet id-Depot.

Illi Kenneth Cocks xehed fl-udjenza tal-21 ta' April 2016 (a fol 49 sa 53 tal-atti processwali) li fis-16 ta' Marzu 2016 wara nofsinhar mar il-garaxx tieghu sabiex jigbor xi oggetti u sab il-katnazz u s-serratura mkissra u ghadd mill-equipment li kien hemm fil-garaxx nieqes. Fost l-affarijiet neqsin kien hemm gagga tal-ghasafar (Dok. SB7), music equipment, compact disks, speakers u aluminium cases bid-diski fihom (Dok. SB1, SB2, SB3, SB5, SB6 u SB8) li jappartjenu lil Elton Zarb. Kopja tar-rapport maghmul mix-xhud tinsab esebita bhala Dok.RA1 a 92 sa 94 tal-atti processwali.

Illi Elton Zarb xehed fl-istess udjenza (a fol 43 sa 47 tal-atti processwali) li rcieva telefonata minghand Kenneth Cocks, li nfurmah li kien sab il-garaxx miftuh u kien hemm l-affarijiet tieghu li juza gewwa r-recording studio neqsin. Ikkonferma li l-oggetti misruqa kienu dawk murija f'Dok. SB1, SB2, SB3, SB5, SB6, SB7, SB8 u li l-oggetti gew ritornati lura lilu mill-Pulizija. Apparti l-oggetti murija fir-ritratti nsterqu wkoll compressors li jintuzaw fl-istudio li baqghu neqsin. Il-valur kumplessiv tal-oggetti misruqa kien ta' circa €1,800.

---

[1] Xhieda ta' PC 450 fl-udjenza tal-21 ta' April 2016 a fol 54 sa 57 tal-atti processwali u ta' PC 899 a fol 58 sa 61 tal-atti processwali

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2016 xehed Liam Pace (a fol 82 sa 87 tal-atti processwali) li f'Marzu tal-2016 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija sab il-garaxx tieghu fi Triq il-Kbira l-Mosta sgassat u numru ta' oggetti neqsin. Irrapporta l-Ghassa tal-Mosta u ta' rendikont tal-affarijiet misruqa. Kopja tar-rapport tinsab esebita bhala Dok. RA2 a fol 95 sa 98 tal-atti processwali. Ix-xhud ikkonferma li l-oggetti misruqa kienu drill tal-marka Black and Decker (Dok. SB4), ghadd ta' ghodda murija f'Dok. SB13, extension cable (Dok. SB14), tool boxes (Dok. SB9 u Sb10), sett weights f'bagalja griza (Dok. SB11) u karozza tat-tfal Peg Perego (Dok. SB2). L-oggetti deskritti gew ritornati lura lilu izda kien hemm rota b'valur ta' circa €800 li baqghet ma nstabitx. Fir-rigward tal-oggetti ritornati x-xhud ma tax valur taghhom.

Illi fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2016 xehdet Karen Cremona in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Transport f'Malta (a fol 66 sa 67 tal-atti processwali) li l-vettura AAP 348 tinsab irregistrata fuq certu Sultana Dabua. Fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2016 ir-rapprezentant Stephen Cachia (a fol 71 sa 72 tal-atti processwali) ikkonferma li l-ahhar licenzja li thallset kienet fil-31 ta' Jannar 2013 u sal-11 ta' Mejju 2016 il-vettura kellha €2,000 citazzjonijiet pendenti.

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2016 xehed Dr Joseph Spiteri (a fol 776 sa 81 tal-atti processwali), l-psikjatra tal-imputat, li l-imputat ghandu l-kundizzjoni tal-ADHD u dipressjoni li xi kultant tkun qawwija meta juza sustanzi illeciti. Ikkonferma li huwa kien irrilaxxja certifikat mediku lill-imputat fl-1 ta' Marzu 2016 (Dok JS a fol 103 tal-atti processwali) u li l-imputat iffalsifika id-data tac-certifikat ghall-15 ta' Marzu 2016 (a fol 64 tal-atti processwali) ghaliex dak iz-zmien il-kundizzjoni tieghu ma kinitx tajba.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda rrilaxxa stqarrija fl-4 ta' April 2016 fejn xehed li l-ahhar li ra lil Antonella kien fit-13 ta' Marzu 2016. Fis-16 ta' Marzu 2016 fis-7am kien jinsab ghand omm it-tfal tieghu u xi l-10.30am mar il-Fgura u wara Birkirkara ghax kellu lil ommu l-Isptar. Il-vettura tieghu kienet ipparkjata fejn il-bandli ta' Birkirkara u meta hareg ra l-vettura mghobbija miexja. Ic-cavetta kienet ghandu u ma nnutax x'oggetti kienu jinsabu fil-vettura. Stqarr li qatt ma mar lejn il-garaxxijiet misruqa u l-ghodda li kienet fil-vettura kienu tappartjeni lill-imghallem tieghu. Cahad li seraq mill-garaxxijiet u li kien fil-vettura ma' certu Antonella. Stqarr li l-vettura mhijiex tieghu izda kien xtraha erba' xhur qabel minghand terza persuna u ma tahx log book u l-vettura kellha €1,200 f'citazzjonijiet u tlett licenzji b'lura.

Illi fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2016 gew esebiti erba' kopji legali ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat datati 23 ta' Ottubru 2013 (Dok. AD2 a fol 112 sa 114 tal-atti processwali), 4 ta' Marzu 2015 (Dok. AD3 a fol 115 sa 117 tal-atti processwali), 25 ta' Novembru 2013 (Dok. AD4 a fol 118 sa 124 tal-atti processwali), 26 ta' Marzu 2010 (Dok. AD5 a fol 125 sa 128 tal-atti processwali). Gew esebiti wkoll digrieti ghall-helsien mill-arrest moghtija fit-28 ta' Mejju 2013 (Dok. AD 6 a fol 129 tal-atti processwali), 22 ta' Lulju 2015 (Dok. AD 7 a fol 130 u 131 tal-atti processwali),14 ta' Mejju 2014 (Dok. AD 8 a fol 132 tal-atti processwali), 25 ta' Settembru 2014 (Dok. JG 1 a fol 150 u 151 tal-atti processwali) u 22 ta' Lulju 2015 (Dok. JG2 a fol 152 u 153 tal-atti processwali)

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat b'serq kwalifikat bil-valur, hsara, pussess mhux gustifikat ta' oggetti minn persuna gja kkundannata ghal serq, sewqan minghajr licenzja u assigurazzjoni, kommissjoni ta' delitt waqt il-

perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u ksur ta' hames digrieti ghall-helsien mill-arrest.

**L-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet**

Illi dawn l-imputazzjonijiet jitrattaw serq, hsara volontarja fi proprjeta ta' haddiehor u r-reat ta' pussess mhux gustifikat ta' oggetti minn persuna ga kkundannata ghal serq.

Illi dwar dawn l-akkuzi d-Difiza ttenni li ma giex pruvat in-ness bejn l-imputat u r-reati msemmija ghaliex il-vettura li fiha nstabu l-oggetti misruqa hija ta' terzi u l-fatt li l-imputat kien qieghed isuq din il-vettura m'huwiex bizzejjed sabiex tinstab htija. Inoltre ma gewx elevati lifters li setghu b'xi mod jassocjaw lill-imputat maz-zewg serqiet mill-garaxxijiet l dizamina.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li tirrizukta r-rejita' u dan ghaliex kif ighid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> "Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi dikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit

et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "d-dubbju jkun dak dettat mir-raguni".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

> "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".

Illi dak li l-ewwel trid tistabbilixxi l-Qorti fil-kaz odjern huwa jekk jezistux provi bizzejjed li jwasslu sabiex jigi pruvat li effettivament kien l-imputat li wettaq iz-zewg serqiet mill-garaxxijiet dakinhar tas-16 ta' Marzu 2016. Mill-provi jirrizulta li waqt ir-ronda bejn in-Naxxar u l-Mosta PC450 u PC899 raw lill-imputat isuq il-vettura tieghu li kienet mimlija oggetti. Sakemm daru fid-direzzjoni li fiha kienet sejra l-vettura tal-imputat, tilfu lill-imputat. Il-vettura nstabet bl-oggetti li

aktar tard gew irrapurtati misruqa fit-triq fejn tghix omm l-imputat. Fl-istqarrija l-imputat kompla jikkonferma li l-vettura hija tieghu u li c-cavetta taghha kienet fil-pussess tieghu. Il-Qorti wara li qieset dawn ic-cirkostanzi u l-provi kollha hija moralment konvinta li kien l-imputat li kkommetta z-zewg serqiet.

Illi l-imputazzjonijiet huma kwalifikati bil-mezz u bil-valur. L-Artikolu 263 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li s-serq huwa kwalifikat bil-mezz meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata. Dan jinkludi wkoll ksur ta' katnazz skont l-Artikolu 264. Mill-provi jirrizulta li z-zewg serqiet in kwistjoni huma aggravat bil-mezzi u kif ukoll bil-valur stante li l-valur tal-oggetti misruqa jizboq il-€232.94 u dan skont l-Artikolu 267 tal-Kodici Kriminali.

Illi in kwantu ghall-hames imputazzjoni taht l-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali, dan l-Artikolu jistabbilixxi tliet kriterji fundamentali, (i) dik li l-akkuzat jinstab fost ohrajn b'oggetti jew ghodod tajbin ghall-ftuh ta' serraturi; (ii) dik li l-akkuzat ikun gie kkundannat qabel ghar-reat ta' serq jew pussess mhux gustifikat ta' oggetti minn persuna ga kkundannata ghal serq; u li (iii) ma jaghtix kont sodisfacjenti taghhom meta jinqabad. Fil-vettura li tappartjeni lill-imputat instabu fost l-ohrajn imqass li huwa sintomatiku ma' qtugh ta' katnazz. L-imputat jispjega li tali ghodda kienet fil-pussess tieghu ghaliex kienet tal-imghallem – verzjoni xejn kredibbli meta wiehed iqis li l-imputat ma kienx qieghed imur ghax-xoghol. A rigward tal-precedenti akkuzi dwar serq, m'hemmx dubju mis-sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni kif ukoll mill-fedina penali tal-imputat li tinsab fl-atti a fol 9 sa 15 tal-atti processwali li l-imputat kien gie precedentement instab hati ta' serq f'diversi okkazzjonijiet. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li anki din l-akkuza tirrizulta  pruvata sal-grad rikjest mill-ligi..

**Is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet**

Permezz ta' dawn l-akkuzi l-imputat jinsab akkuzat talli saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAP-348 minghajr licenzja u minghajr polza ta' assigurazzjoni. L-imputat stess fl-istqarrija jghid li l-vettura kellha tlett licenzji b'lura, hekk kif jirrizulta wara kollox pruvat mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u mid-dokument esebit a fol 69 tal-atti processwali. Dwar l-assigurazzjoni tal-vettura, ir-rapprezentant Karen Cremona ddikjarat li l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta jkollha informazzjoni dwar l-assigurazzjoni fuq il-vetturi. Ir-rapprezentant Stephen Cachia ddikjara li peress li l-licenzja ma gietx imgedda ma setghax jaghti informazzjoni dwar l-assigurazzjoni. Fis-sentenza Il-Pulizija vs Paul Mangion deciza fit-23 ta' Frar 2010 inghad li jaghmel sens li tenut kont l-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jkun hemm l-inversjoni tal-prova kontra l-persuna akkuzata b'reat ta' sewqan minghajr ma jkun kopert b'polza ta' assikurazzjoni. L-imputat kellu jgib din il-prova sabiex jkun jista' jiddikjara li hu kien kopert skont il-ligi, haga li m'ghamilx. Ghalhekk l-imputat ser jinstab hati wkoll tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet.

**It-tmien sat-tlettax imputazzjoni**

Illi permezz ta' tali mputazzjonijiet, l-imputat jinsab akkuzat b'kommissjoni ta' delitt ta' natura volontarja waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza u bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja. Fir-rigward tat-tmien imputazzjoni, jirrizulta li fl-4 ta' Marzu 2015 (Dok. AD3 a fol 115 sa 117 tal-atti processwali) l-imputat instab hati tar-reati migjuba fil-konfront tieghu u gie kkundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin. Ir-reati sehhew fis-16 ta' Marzu 2016 u ghalhekk entro l-perjodu operattiv ta' din is-sentenza. Jirrizultaw ukoll ir-rimanenti imputazzjonijiet, ilkoll dwar ksur ta' kundizzjonijiet ta' liberta provizorja moghtija permezz ta' digrieti moghtija fit-28 ta' Mejju 2013 (Dok. AD

6 a fol 129 tal-atti processwali), fl-14 ta' Mejju 2014 (Dok. AD 8 a fol 132 tal-atti processwali), fil-25 ta' Settembru 2014 (Dok. JG 1 a fol 150 u 151 tal-atti processwali) u fit-22 ta' Lulju 2015 (Dok. AD 7 a fol 130 u 131 tal-atti processwali) ghajr ghad-digriet tas-7 ta' Lulju 2009 li ma giex esebit u ghalhekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imputazzjoni (l-imputazzjoni mmarkata bhala numru 9) riferibbli ghall-ksur tal-kundizjonijiet impost permezz ta' dan id-digriet.

Illi l-addebitu tar-recidiva wkoll jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi stante li l-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenzi relattivi a fol. 112 et sequitur tal-atti processwali fejn hemm indikati l-konnotati tal-imputat odjern.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li huwa naqas milli juzufruwixxi mill-opportunitajiet moghtija lilu precedentement minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu u fic-cirkostanzi ser tapplika piena karcerarja effettiva. In kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet riferibbli ghall-ksur tad-digrieti ghall-helsien mill-arrest il-Qorti ser tordna ri-arrest b'effett immedjat ghal dak id-digrieti imposti f'kawzi li ghadhom m'ghaddewx in gudikat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261(b) (c), 263, 265, 267, 278, 279(a), 280, 325 (1)(c), 287, 28B, 579, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8), tal-ghaxar (10), tal-hdax (11), tat-tnax (12) u tat-tlettax (13) -il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. Il-Qorti inoltre tirrendi operattiv il-perjodu ta' sentejn prigunerija li permezz tas-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015 kien gie sospiz ghall-perjodu ta' erba' (4) snin sabiex b'hekk l-imputat ghandu jiskonta perjodu kumplessiv ta'

hames (5) snin prigunerija. Il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) -il xahar millum. Il-Qorti qed tordna r-riarrest tal-imputat b'effett immedjat in kwantu jirrigwarda d-digrieti ghall-helsien mill-arrest indikati fl-ghaxar (10), fil-hdax (11), fit-tnax (12) u fit-tlettax (13) -il imputazzjoni fejn il-kawzi fejn dawn inghataw ghadhom ma ghaddewx in gudikat. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur